Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 147/2017

**Miller Distributors Limited (appellata)**

**Vs**

**Michael Chetcuti (appellant)**

5 ta' Novembru, 2018.

1. B'decizjoni tal-15 ta' Mejju, 2018 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet talba tar-rikorrent Michael Chetcuti sabiex:

   i. Tiddikjara li r-rikorrent ma kienx jaf bl-ittra ufficjali tas-6 ta' Mejju, 2014 li saret *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12, stante li ma kienx gie notifikat biha;
   ii. Tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv miksub bis-sahha ta' dik l-ittra ufficjali;
   iii. Tordna t-twaqqif tal-bejgh bl-irkant numru 55/2015.

2. Il-fatti fil-qosor:-

   i. B'ittra ufficjali tas-6 ta' Mejju, 2014 il-kumpannija intimata nterpellat lir-rikorrent sabiex ihallas is-somma ta' €19,450, prezz ta' merkanzija li kienet inbieghet u giet konsenjata lilu. Dak l-att gudizzjarju sar a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12. Skont ir-riferta fid-9 ta' Settembru, 2014 l-ittra ufficjali kienet notifikata lilu.
   ii. Fil-5 ta' Novembru, 2014 l-ittra ufficjali saret ezekuttiva.
   iii. Fl-10 ta' Novembru, 2014 il-Prim'Awla ordnat il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv (numru 1781/14) ghall-ammont li jissemma fl-ittra ufficjali in kwistjoni. L-intimata ma pprezentatx kopja ta' riferta pozittiva fir-rigward tal-imsemmi mandat.

iv. Fl-4 ta' Settembru, 2015 l-intimata pprezentat rikors ghall-bejgh bl-irkant ta' immobbli tar-rikorrent, bil-ghan li tithallas il-kreditu. Skont ir-riferta, ir-rikors u digriet kienu notifikati lir-rikorrent fil-11 ta' April, 2016.

v. Fis-27 ta' Gunju, 2016 ir-rikorrent ipprezenta rikors fejn talab lill-Prim'Awla sabiex tissospendi l-bejgh bl-irkant li kien iffissat ghal 21 ta' Lulju 2016 peress li kien, *"... ser jipprocedi sabiex jrendi nulla l-imsemmija ittra ufficjali ai termini tal-ligi"*.

vi. B'digriet tat-18 ta' Jannar, 2017 il-Prim'Awla ddecidiet:

> *"Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tordna s-sospensjoni ta' din is-subbasta sakemm jigi determinat permezz ta' sentenza finali jekk in-notifika tal-ittra ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 li fuqha huma bbazati dawn il-proceduri hijiex wahda valida skont il-ligi u f'ka li l-proceduri ikunu ghadhom mhux intavolati, tipprefeggi xahar zmien mid-data tas-sentenza biex dan isir".*

vii. Fid-digriet il-qorti qalet li *prima facie* kien irrizulta li r-rikorrent ma kienx notifikat bl-ittra ufficjali, wara li rrizulta li n-notifika kienet saret lil Peter Sultana (ID 792444) u r-rikorrent xehed li ma kienx jaf lil dik il-persuna.

viii. B'decizjoni tal-15 ta' Mejju, 2018 din il-qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrent wara li osservat li ghalkemm l-ittra ufficjali ma kinitx notifikata lilu, ma pprezentax ir-rikors fi zmien 20 jum minn meta kien notifikat bil-mandat ezekuttiv.

3. Subinciz (5) tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tikkontempla ghal cirkostanzi bhal ta dan il-kaz. Fil-fatt tipprovdi li titolu ezekuttiv li jinkiseb skont l-imsemmija disposizzjoni, jista' jkun rexxiss u dikjarat mill-qorti jekk id-debitur jipprezenta rikors fi zmien 20 jum minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' mandat ezekuttiv jew att gudizzjarju iehor li jkun bazat fuq dak it-titolu, u l-qorti tkun sodisfatta:

*"**(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss**; jew*

*(ii) li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)".*

4. L-appell hu bazat fuq l-argument li, *"dak li huwa minnu nnifsu null ma jistax jipproduci effetti legali"*. Dan hu veru, pero' l-ewwel qorti applikat il-ligi b'mod korrett. Ligi li hi cara. L-artikolu 166A tal-Kap. 12 jipprovdi ghall-procedura sabiex persuna titlob ir-rexxissjoni u d-dikjarazzjoni tan-nullita ta' titolu ezekuttv. Procedura li pero' trid issir fi zmien 20 jum ***"...minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu"***. Hu ovvju li jekk ma ssirx dik il-procedura fit-terminu kontemplat f'subinciz (5), il-ligi trid li t-titolu ezekuttiv jibqa' jghodd u ghalhekk id-debitur jigi meqjus li kien notifikat.

5. Terminu bhal dak li hemm f'subinciz (5) hu perentorju. F'dan ir-rigward l-ewwel qorti ghamlet riferenza ghal diversi sentenzi, u din il-qorti m'ghandhiex x'izzid.

6. Filwaqt li l-mandat ta' qbid tal-immobbli kien notifikat lir-rikorrent fil-11 ta' April, 2016, kien biss fl-1 ta' Gunju 2017 li pprezenta r-rikors oggett ta' dawn il-proceduri. Ghaldaqstant, ir-rikors ghar-rexxissjoni u dikjarazzjoni ta' nullita' tat-titolu ezekuttiv kien tardiv.

7. Ladarba r-rikors promotur li sar skont il-procedura kontemplata f'subinciz (5) tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 kien tardiv, l-ewwel qorti ma kellhiex triq ohra ghajr li tichad it-talba ghar-rexxissjoni u dikjarazzjoni ta' nullita tat-titolu ezekuttiv li ghandha s-socjeta intimata.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.